IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2022
C(2022) 6846 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom

{SEC(2022) 345 final} - {SWD(2022) 321 final} - {SWD(2022) 322 final}

MT

MT

## Werrej

1. INTRODUZZJONI .......... 2

2. KAMP TA’ APPLIKAZZJONI ĠENERALI .......... 6

2.1. Tipi ta’ ftehimiet koperti minn dawn il-Linji Gwida .......... 6

2.2. Il-persuni koperti minn dawn il-Linji Gwida .......... 8

3. FTEHIMIET KOLLETTIVI MINN PERSUNI LI JAĦDMU GĦAL RASHOM WAĦEDHOM KOMPARABBLI MA’ ĦADDIEMA LI JAQGĦU BARRA MILL-KAMP TA’ APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 101 TAT-TFUE .......... 9

3.1. Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom f’sitwazzjoni ta’ dipendenza ekonomika .......... 10

3.2. Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jaħdmu “maġenb” il-ħaddiema .......... 11

3.3. Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jaħdmu permezz ta’ pjattaformi tax-xogħol diġitali .......... 12

4. PRIJORITAJIET TA’ INFURZAR TAL-KUMMISSJONI .......... 15

4.1. Ftehimiet kollettivi konklużi minn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom ma’ kontroparti(jiet) li għandhom ċertu livell ta’ saħħa ekonomika .......... 15

4.2. Ftehimiet kollettivi konklużi minn persuni li jaħdmu għal rashom skont il- leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni .......... 16

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom

## 1. INTRODUZZJONI

(1) Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-prinċipji għall-valutazzjoni skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('TFUE') ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattiki miftiehma (kollettivament imsejħa "ftehimiet") konklużi bħala riżultat ta' negozjati kollettivi bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u impriża jew diversi impriżi ("il-kontroparti(jiet)"), dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom.

(2) Għall-iskopijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "persuna li taħdem għal rasha waħedha" jfisser persuna li ma għandhiex kuntratt ta' impjieg jew li mhix f'relazzjoni ta' impjieg u li tiddependi primarjament fuq ix-xogħol personali tagħha stess biex tipprovdi s-servizzi kkonċernati;

(b) "kontroparti" jfisser impriża li lilha l-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jipprovdu s-servizzi tagħhom, jiġifieri l-klijenti professjonali tagħhom, inklużi l-assoċjazzjonijiet ta' tali impriżi;

(c) "ftehim kollettiv" ifisser ftehim li jiġi nnegozjat u konkluż bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom sa fejn, min-natura u l-iskop tiegħu, jikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom[1];

(d) "pjattaforma tax-xogħol diġitali" jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz kummerċjali li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin: (i) jiġi pprovdut, mill-anqas parzjalment, mill-bogħod permezz ta' mezzi elettroniċi, bħal sit web jew applikazzjoni mobbli; (ii) jiġi pprovdut fuq talba ta' min jirċievi s-servizz; u (iii) jinvolvi, bħala komponent meħtieġ u essenzjali, l-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq minn individwi, irrispettivament minn jekk dak ix-xogħol ikunx imwettaq online jew f'ċertu post[2].

(3) L-Artikolu 101 tat-TFUE jipprojbixxi akkordji bejn impriżi li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-suq intern, b'mod partikolari meta jiffissaw direttament jew indirettament il-prezzijiet tax-xiri jew tal-bejgħ jew kwalunkwe kundizzjoni kummerċjali oħra. Ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jissejsu fuq l-Artikolu 3(3)

1 Din id-definizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni ta' "ftehim kollettiv" użata fl-Istati Membri fil-kuntest tad-djalogu soċjali.

2 It-terminu "pjattaforma tax-xogħol diġitali" huwa definit f'konformità mal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, COM(2021) 762 final (Proposta għal Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi). Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ħtieġa li taġġorna d-definizzjoni f'dawn il-Linji Gwida, jekk id-definizzjoni tal-istess terminu fil-verżjoni adottata tad-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi tkun differenti minnha b'mod sinifikanti.

tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), li jipprevedi li l-Unjoni trid tistabbilixxi suq intern, inkluża sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tiġix distorta[3].

(4) L-Artikolu 3(3) tat-TUE jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tippromwovi "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali". Bl-istess mod, l-Artikolu 9 tat-TFUE jipprevedi li "[f]id-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem". Għal dak il-għan, l-Unjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv u timpenja ruħha, skont l-Artikolu 152 tat-TFUE, li "tiffaċilita d-djalogu bejn is-sħab soċjali, waqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom". L-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi ulterjorment id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettivi[4].

(5) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti") qieset l-objettivi tal-politika soċjali tal-Unjoni meta ddeċidiet f'*Albany*, fil-kuntest tan-negozjar kollettiv bejn il-maniġment u l-ħaddiema, li ċerti restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni huma inerenti fil-ftehimiet kollettivi bejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lill-ħaddiema u huma meħtieġa għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol[5]. Għaldaqstant, il-ftehimiet konklużi fil-qafas tan-negozjar kollettiv bejn min iħaddem u l-ħaddiema u li huma maħsuba, min-natura u l-iskop tagħhom, biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol (inkluża l-paga), jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE u għalhekk ma jiksrux il-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ("l-eċċezzjoni *Albany*")[6].

(6) Is-sitwazzjoni għall-persuni li jaħdmu għal rashom hija differenti. Il-projbizzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE tapplika għal "impriżi", li huwa kunċett wiesa' li jkopri

---

3 It-Titolu VII, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1 tat-TFEU u l-Protokoll Nru 27 tat-TUE u tat-TFUE.

4 Il-kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba u l-protezzjoni soċjali xierqa huma wkoll prinċipji ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li skontu "s-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali skont il-prattiki nazzjonali" u "għandhom jitħeġġu jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom". Ara l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-punt 8, https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_mt.

5 Is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, *Albany International BV vs Stichting Bedrijfspensioenfonds Textielindustrie*, C-67/96, EU:C:1999:430, il-punt 59. Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 22; is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, *International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union vs Viking Line ABP u OÜ Viking Line Eesti*, C-438/05, EU:C:2007:772, il-punt 49; is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, *3F vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, C-319/07, EU:C:2009:435, il-punt 50.

6 Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 23; is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, *Albany International BV vs Stichting Bedrijfspensioenfonds Textielindustrie*, C-67/96, EU:C:1999:430, il-punt 60; is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, *Brentjens' Handelsonderneming BV vs Stichting Bedrijfspensioenfonds voor de Handel in Bouwmaterialen*, C-115/97, EU:C:1999:434, il-punt 57. is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, *Maatschappij Drijvende Bokken BV vs Stichting Pensioenfonds voor de Vervoer- en Havenbedrijven*, C-219/97, EU:C:1999:437, il-punt 47; is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavel Pavlov et vs Stichting Pensioenfonds Medische Specialisten*, C-180/98, EU:C:2000:428, il-punt 67; is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2000, *Hendrik van der Woude vs Stichting Beatrixoord*, C-222/98, EU:C:2000:475, il-punt 22; is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, *AG2R Prévoyance v Beaudout Père et Fils SARL*, C-437/09, EU:C:2011:112, il-punt 29.

kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha, u l-mod kif tiġi ffinanzjata[7]. Għaldaqstant, il-persuni li jaħdmu għal rashom, anke jekk huma individwi li jaħdmu waħedhom, huma, bi prinċipju, impriżi fis-sens tal-Artikolu 101 tat-TFUE, peress li joffru s-servizzi tagħhom bi ħlas f'suq partikolari u jwettqu l-attivitajiet tagħhom bħala operaturi ekonomiċi indipendenti[8].

(7) Il-Qorti ċċarat f'dak ir-rigward li l-eċċezzjoni *Albany* tkopri wkoll persuni li 'ma jaħdmux għal rashom verament', peress li huma kkunsidrati li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' ħaddiema[9]. F'dak il-kuntest, il-Qorti kkunsidrat li individwu jkun persuna li ma taħdimxgħal rasha verament, jekk dak l-individwu: (a) jaġixxi skont id-direzzjoni ta' min iħaddmu fir-rigward, b'mod partikolari, tal-libertà tiegħu li jagħżel il-ħin, il-post u l-kontenut tax-xogħol tiegħu; (b) ma jikkondividix ir-riskji kummerċjali ta' min iħaddem u (c) tul ir-relazzjoni kollha, jifforma parti integrali mill-impriża ta' min iħaddem u, għalhekk, jifformaw unità ekonomika waħda ma' dik l-impriża. Dawk il-kriterji japplikaw għall-iskop tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, irrispettivament minn jekk dik il-persuna hijiex klassifikata bħala persuna li taħdem għal rasha skont il-liġi nazzjonali għal skopijiet fiskali, amministrattivi jew organizzattivi, u jeħtieġ li jiġu valutati każ b'każ fid-dawl tal-fatti tal-każ individwali[10]. Madankollu, sakemm qorti jew awtorità amministrattiva ma ssibx li persuna li ma taħdimx għal rasha verament hija ħaddiem, dik il-persuna ma jkollhiex ċertezza legali li l-eċċezzjoni *Albany* tapplika. Meta persuna tinstab li hija ħaddiem, ma hemm l-ebda riskju li tikser l-Artikolu 101 tat-TFUE billi tidħol f'negozjati u ftehimiet kollettivi maħsuba sabiex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

(8) Fl-istess ħin, uħud mill-persuni li jaħdmu għal rashom jiffaċċjaw diffikultajiet sabiex jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Dan huwa b'mod partikolari l-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, li jaħdmu waħedhom u primarjament jiddependu fuq ix-xogħol personali tagħhom stess sabiex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Anke jekk ma jkunux kompletament integrati fin-negozju tal-prinċipal tagħhom bl-istess mod bħall-ħaddiema, jista' jkun li ċerti persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom ma jkunux kompletament indipendenti mill-prinċipal tagħhom jew jista' jkun li ma jkollhomx biżżejjed setgħa ta' negozjar. L-iżviluppi reċenti fis-suq tax-xogħol ikkontribwew għal din is-sitwazzjoni, b'mod partikolari, ix-xejra lejn is-sottokuntrattar u l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tan-negozju u personali, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni u ż-żieda tal-ekonomija tal-pjattaformi

7 Is-sentenza tat-23 ta' April 1991, *Klaus Höfner u Fritz Elser vs Macrotron GmbH*, C-41/90, EU:C:1991:161, il-punt 21; is-sentenza tas-16 ta' Novembru 1995, *Fédération Française des Sociétés d'Assurance, Société Paternelle-Vie, Union des Assurances de Paris-Vie u Caisse d'Assurance et de Prévoyance Mutuelle des Agriculteurs vs Ministère de l'Agriculture et de la Pêche*, C-244/94, EU:C:1995:392, il-punt 14; is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1997, *Job Centre coop. arl.*, C-55/96, EU:C:1997:603, il-punt 21.

8 Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 27; is-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, *Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas vs Autoridade da Concorrência*, C-1/12, EU:C:2013:127, il-punti 36–37; is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, *Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio vs Compañía Española de Petróleos SA*, C-217/05, EU:C:2006:784, il-punt 45.

9 Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punti 30, 31 u 42.

10 Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punti 36-37.

online[11]. In-negozjati kollettivi jistgħu jipprovdu mezz importanti sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom.

(9) F'dan l-isfond, dawn il-Linji Gwida jiċċaraw: (a) li l-ftehimiet kollettivi minn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta'ħaddiema jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE; u (b) li l-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra ftehimiet kollettivi ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jesperjenzaw żbilanċ fis-saħħa tan-negozjar fil-konfront tal-kontroparti(jiet) tagħhom.

(10) Dawn il-Linji Gwida jispjegaw kif il-Kummissjoni se tapplika l-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, mingħajr diskriminazzjoni għall-applikazzjoni ta' regoli jew prinċipji oħrajn tal-liġi tal-Unjoni. Dawn il-Linji Gwida ma joħolqux drittijiet jew obbligi soċjali u ma jaffettwawx il-prerogattivi tal-Istati Membri fil-politika soċjali jew l-awtonomija tas-sħab soċjali. B'mod partikolari, ma jaffettwawx il-kompetenzi tal-Istati Membri u/jew tas-sħab soċjali fir-rigward tal-organizzazzjoni tan-negozjar kollettiv fil-qafas tal-liġi nazzjonali u/jew il-prattiki tal-Istati Membri. Huma wkoll mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet tat-termini "ħaddiem" jew "persuna li taħdem għal rasha" skont il-liġi nazzjonali[12] jew għall-possibbiltà ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jfittxu l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-istatus ta' impjieg tagħhom (jew għall-valutazzjoni ta' dawk il-każijiet mill-awtoritajiet/mill-qrati nazzjonali) skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Dawn il-Linji Gwida sempliċement jiċċaraw il-kundizzjonijiet li bihom ċerti persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom jistgħu jidħlu f'negozjati u ftehimiet kollettivi mingħajr ma jirriskjaw li jiksru l-Artikolu 101 tat-TFUE.

(11) Dawn il-Linji Gwida huma wkoll mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe interpretazzjoni sussegwenti tal-Qorti tal-Artikolu 101 tat-TFUE fir-rigward ta' ftehimiet milħuqa fil-qafas ta' negozjar kollettiv. Ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 42 tat-TFUE u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni fir-rigward tas-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd[13]. Barra minn hekk,

---

[11] Barra minn hekk, minħabba l-kriżi tal-COVID-19 ħafna persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom saru saħansitra aktar vulnerabbli, peress li t-telf ta' qligħ tagħhom ġie aggravat minn skemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali u miżuri ta' appoġġ iddedikati dgħajfa jew ineżistenti. Ara r-Rapport tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE (2020/2261 (INI)), il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0283_MT.html#title1.

[12] Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-karatteristika essenzjali tar-relazzjoni tax-xogħol hija li "għal ċertu perjodu ta' żmien persuna twettaq xi servizz għal persuna oħra jew taħt id-direzzjoni tagħha, u li għalih tirċievi remunerazzjoni". Għandu jiġi nnotat li l-klassifikazzjoni ta' persuna bħala "ħaddiem" jew "persuna li taħdem għal rasha" għandha tiġi ddeterminata primarjament fuq bażi ta' każ b'każ skont il-liġi nazzjonali, filwaqt li titqies il-ġurisprudenza tal-Qorti. Ara s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 34; is-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, *L. N. vs Styrelsen for Videregående Uddannelser og Uddannelsesstøtte*, C-46/12, EU:C:2013:97, il-punt 40; is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, *Iraklis Haralambidis vs Calogero Casilli*, C-270/13, EU:C:2014:2185, il-punt 28; is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020; *Governo della Repubblica italiana (Status tal-giudici di pace Taljani)*, C-658/18, EU:C:2020:572.

[13] L-Artikoli 206 sa 210 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671); l-Artikoli 40 u 41 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

dawn il-Linji Gwida japplikaw mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-TFUE, li jeżenta mill-Artikolu 101(1) tat-TFUE ftehimiet li: (a) jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew tad-distribuzzjoni tal-merkanzija jew għall-promozzjoni tal-progress tekniku jew ekonomiku; (b) jgħaddu sehem ġust mill-benefiċċji tagħhom lill-konsumaturi; (c) ikun fihom biss restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni indispensabbli, u (d) ma jagħtux lill-partijiet il-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti jew tas-servizzi ikkonċernati[14].

(12) Sabiex jiġi evitat kull dubju, ftehimiet kollettivi nnegozjati u konklużi minn persuni li jaħdmu għal rashom li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida mhux neċessarjament jiksru l-Artikolu 101 tat-TFUE, iżda jeħtieġu valutazzjoni każ b'każ, bħal fil-każ ta' kwalunkwe tip ieħor ta' ftehim bejn impriżi.

## 2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

### 2.1. Tipi ta' ftehimiet koperti minn dawn il-Linji Gwida

(13) Dawn il-Linji Gwida japplikaw għal "ftehimiet kollettivi" kif definiti fil-punt (2)(c).

(14) Mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri fid-determinazzjoni tal-mezzi għar-rappreżentanza kollettiva ta' persuni li jaħdmu għal rashom, dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-forom kollha ta' negozjati kollettivi mwettqa f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, li jvarjaw minn negozjar permezz tas-sħab soċjali jew assoċjazzjonijiet oħrajn għal negozjati diretti minn grupp ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jew ir-rappreżentanti tagħhom mal-kontroparti(jiet) tagħhom jew l-assoċjazzjonijiet ta' dawk il-kontropartijiet. Huma jkopru wkoll każijiet fejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, jew individwalment jew bħala grupp, jixtiequ jkunu koperti minn ftehim kollettiv eżistenti ("opt-in") konkluż bejn il-kontroparti tagħhom u grupp ta' ħaddiema/persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom.

(15) Il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jinkludu kwistjonijiet bħar-remunerazzjoni, il-premjijiet u l-bonusijiet, il-ħin tax-xogħol u l-modalitajiet tax-xogħol, il-btajjel, il-liv, l-ispazji fiżiċi fejn isir ix-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, l-assigurazzjoni u s-sigurtà soċjali, u l-kundizzjonijiet li skonthom il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom huma intitolati li jieqfu jipprovdu s-servizzi tagħhom jew li skonthom il-kontroparti hija intitolata li tieqaf tuża s-servizzi tagħhom.

(16) In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi jippresupponu ċertu livell ta' koordinazzjoni bejn id-diversi partijiet fuq kull naħa tan-negozjati qabel in-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehim kollettiv. Dik il-koordinazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ftehim jew skambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet fuq kull naħa tan-negozjati sabiex tittieħed deċiżjoni dwar approċċ komuni għas-suġġett (kundizzjonijiet tax-xogħol) u/jew il-forma tan-negozjati (pereżempju multilaterali jew permezz tal-ħatra ta' rappreżentanti). Sa fejn koordinazzjoni ta' dak it-tip hija meħtieġa u proporzjonata għan-negozjar jew għall-konklużjoni tal-ftehim kollettiv, se tiġi ttrattata għall-finijiet ta'

[14] Il-punt 34 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Avviż — Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat, ĠU C 101, 27.4.2004, p. 97.

dawn il-Linji Gwida bl-istess mod bħall-ftehim kollettiv li miegħu hija marbuta (jew kienet tkun marbuta fil-każ ta' negozjati li ma rnexxewx)[15].

(17) Dawn il-Linji Gwida ma jkoprux deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet jew ftehimiet jew prattiki miftiehma bejn impriżi barra mill-kuntest ta' negozjati (jew preparazzjonijiet għal negozjati) bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom. B'mod partikolari, dawn il-Linji Gwida ma jkoprux ftehimiet li jmorru lil hinn mir-regolamentazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u jiddeterminaw il-kundizzjonijiet (b'mod partikolari, il-prezzijiet) li skonthom is-servizzi jiġu offruti minn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jew mill-kontroparti(jiet) lill-konsumaturi[16], jew li jillimitaw il-libertà tal-impriżi li jimpjegaw min jipprovdi l-ħidma skont kif jeħtieġu.

| |
|---|
| ***Eżempju 1***<br><br>*Sitwazzjoni:* Rikkieba li jaħdmu għal rashom waħedhom jipprovdu s-servizzi tagħhom lit-tliet pjattaformi ta' konsenja attivi fil-belt B. Jeżisti ftehim kollettiv bejn il-pjattaformi tal-konsenja u r-rikkieba, li jistabbilixxi t-tariffi li l-pjattaformi jridu jħallsu lir-rikkieba għas-servizzi tagħhom, kif ukoll l-obbligi minimi tas-saħħa u s-sikurezza tal-pjattaformi fil-konfront tar-rikkieba. Il-ftehim kollettiv jipprevedi li r-rikkieba jillimitaw is-servizzi tagħhom għal żona speċifika tal-belt. Għal dak il-għan, il-ftehim jaqsam il-belt fi tliet żoni separati, waħda għar-rikkieba ta' kull pjattaforma. Separatament, ir-rikkieba li jaħdmu għal rashom waħedhom fil-belt B jaqblu bejniethom li ma jwettqux aktar minn għoxrin konsenja kull erba' sigħat f'jum tax-xogħol.<br><br>*Analiżi*: L-eżempju jirreferi għal żewġ ftehimiet bejn impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 101 tat-TFUE: (a) il-ftehim kollettiv bejn il-pjattaformi u r-rikkieba li jaħdmu għal rashom waħedhom; u (b) il-ftehim bejn ir-rikkieba li jaħdmu għal rashom waħedhom dwar in-numru massimu ta' konsenji. Il-ftehim kollettiv huwa kopert minn dawn il-Linji Gwida, peress li huwa r-riżultat ta' negozjati kollettivi u jirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol (it-tariffi, il-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza) li skonthom ir-rikkieba li jaħdmu għal rashom waħedhom jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-pjattaformi. Madankollu, il-parti tal-ftehim kollettiv li taqsam it-territorju tal-belt bejn it-tliet pjattaformi ma tirrigwardax il-kundizzjonijiet tax-xogħol, iżda tikkostitwixxi |

[15] Pereżempju, il-Linji Gwida jkopru l-koordinazzjoni bejn il-kontropartijiet sabiex jiddeċiedu dwar firxa ta' remunerazzjoni li jistgħu jiddiskutu ma' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom fin-negozjati kollettivi tagħhom. Dil il-koordinazzjoni hija koperta mil-Linji Gwida, sal-punt li tkun meħtieġa u proporzjonata għan-negozjar jew għall-konklużjoni ta' ftehim kollettiv (il-punt (16)) u ma tikkostitwixxix ftehim antikompetittiv (il-punt (17)). Jista' jinħoloq ftehim antikompetittiv, pereżempju, meta l-kontropartijiet jużaw l-informazzjoni skambjata permezz tal-koordinazzjoni bħala punt fokali sabiex jistabbilixxu unilateralment l-istess remunerazzjoni għall-persuni rispettivi tagħhom li jaħdmu għal rashom waħedhom. Dik il-prattika mhijiex koperta minn dawn il-Linji Gwida, peress li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat sabiex isiru negozjati kollettivi ma' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom.

[16] L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

ftehim ta' tqassim tas-swieq, li bħala tali jista' jikser l-Artikolu 101 tat-TFUE minħabba l-għan tiegħu[17].

B'kuntrast, il-ftehim separat bejn ir-rikkieba li jaħdmu għal rashom waħedhom dwar in-numru ta' konsenji għal kull jum ta' xogħol ma huwiex ir-riżultat ta' negozjati kollettivi bejn il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom u għalhekk ma huwiex kopert minn dawn il-Linji Gwida iżda għandu jiġi vvalutat separatament.

***Eżempju 2***

*Sitwazzjoni:* Il-klabbs sportivi professjonali fl-Istat Membru X jaqblu bejniethom li ma jimpjegawx atleti mill-klabbs ta' xulxin tul il-kuntratti tal-atleti ma' wieħed mill-klabbs sportivi. Il-klabbs jikkoordinaw ukoll il-livelli ta' remunerazzjoni tal-atleti li għandhom aktar minn 35 sena.

*Analiżi:* L-arranġamenti bejn il-klabbs sportivi jikkostitwixxu ftehimiet bejn impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 101 tat-TFUE. L-arranġamenti ma humiex koperti minn dawn il-Linji Gwida, peress li ma humiex innegozjati bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom u għalhekk ma humiex ftehimiet kollettivi. L-ewwel arranġament x'aktarx jikser l-Artikolu 101 tat-TFUE minħabba l-għan tiegħu, peress li jirrestrinġi l-kompetizzjoni bejn il-klabbs sportivi biex jikru l-aħjar atleti fis-suq. It-tieni arranġament (l-iffissar tal-pagi), jista' wkoll jikser l-Artikolu 101 tat-TFUE minħabba l-għan tiegħu, peress li essenzjalment huwa ftehim bejn il-kompetituri (il-klabbs) li jallinjaw l-ispejjeż tal-fatturi tal-produzzjoni tagħhom.

B'mod ġenerali, dan l-eżempju juri prattiki ta' impriżi fis-suq tax-xogħol li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u li x'aktarx jiksru l-Artikolu 101 tat-TFUE.

## 2.2. Il-persuni koperti minn dawn il-Linji Gwida

(18) Dawn il-Linji Gwida jkopru ftehimiet kollettivi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' "persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom" kif definit fil-punt (2)(a). Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jistgħu jużaw ċerti oġġetti jew assi sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom. Pereżempju, ħaddiem tat-tindif juża aċċessorji tat-tindif u mużiċista idoqq strument mużikali. F'dawn il-każijiet, il-prodotti jintużaw bħala mezz anċillari sabiex jiġi pprovdut is-servizz finali, u l-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom għalhekk jitqiesu li jiddependu fuq ix-xogħol personali tagħhom. B'kuntrast, dawn il-Linji Gwida ma japplikawx għal sitwazzjonijiet fejn l-attività ekonomika tal-persuna li taħdem għal rasha waħedha tikkonsisti biss fil-kondiviżjoni jew l-isfruttament ta' oġġetti jew assi, jew fil-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti/servizzi. Pereżempju, fejn persuna li taħdem għal rasha waħedha tikri akkomodazzjoni jew tbigħ mill-ġdid partijiet

[17] Jista' jkun hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni ukoll jekk il-ftehim kollettiv jirregola kwistjonijiet oħrajn li jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħall-ħinijiet tax-xogħol li matulhom it-tliet pjattaformi jipprovdu s-servizzi tagħhom.

tal-karozzi, dawn l-attivitajiet jirrelataw mal-isfruttament tal-assi u l-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti, aktar milli l-forniment ta' xogħol personali.

(19) It-Taqsima 3 ta' dawn il-Linji Gwida tistabbilixxi l-kategoriji ta' ftehimiet kollettivi li jinvolvu persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li l-Kummissjoni tqis li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, u t-Taqsima 4 ta' dawn il-Linji Gwida tistabbilixxi l-kategoriji ta' ftehimiet kollettivi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni mhux se tintervjeni. Minkejja l-fatt li persuna li taħdem għal rasha waħedha, jew ftehim kollettiv, jaqgħu fil-kategoriji identifikati fit-Taqsimiet 3 jew 4 ta' dawn il-Linji Gwida, il-prinċipji ġenerali li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, kif stabbiliti f'din it-Taqsima, jibqgħu applikabbli. Il-kriterji stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 4 għandhom jiġu ssodisfati fil-mument meta persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jinnegozjaw kollettivament u jilħqu ftehim mal-kontroparti(jiet) tagħhom.

## 3. FTEHIMIET KOLLETTIVI MINN PERSUNI LI JAĦDMU GĦAL RASHOM WAĦEDHOM KOMPARABBLI MA' ĦADDIEMA LI JAQGĦU BARRA MILL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 101 TAT-TFUE

(20) F'każijiet fejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom ikunu f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-ħaddiema, il-ftehimiet kollettivi tagħhom jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, irrispettivament minn jekk dawk il-persuni jissodisfawx ukoll il-kriterji sabiex jitqiesu persuni li ma jaħdmux għal rashomverament (ara l-punt (7) ta' dawn il-Linji Gwida)[18].

(21) Il-Qorti ddeċidiet li ftehim kollettiv li jkopri fornituri ta' servizzi li jaħdmu għal rashom jista' jitqies bħala r-riżultat ta' djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema jekk il-fornituri tas-servizzi jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tal-ħaddiema[19].Il-Qorti kkonfermat li "ma huwiex dejjem faċli li fl-ekonomija attwali jiġi ddeterminat l-istatus ta' impriża ta' ċerti fornituri li jaħdmu għal rashom"[20]. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li fornitur ta' servizz jista' jitlef il-kwalità tiegħu ta' kummerċjant li jaħdem għal rasu, u għalhekk ta' impriża, meta l-fornitur ta' servizz ma jiddeterminax l-aġir tiegħu fis-suq b'mod awtonomu, iżda jiddependi b'mod sħiħ fuq min iqabbdu, minħabba l-fatt li l-fornitur ta' servizz ma jerfa' ebda wieħed mir-riskji finanzjarji u kummerċjali li jirriżultaw mill-attività ta' min iqabbdu u jopera bħala awżiljarju integrat fl-impriża ta' min iqabbdu[21].

(22) Fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji u meta jitqiesu l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni u fis-swieq tax-xogħol nazzjonali (f'termini ta' leġiżlazzjoni u każistika), għall-iskopijiet

[18] Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411; is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, *Albany International BV vs Stichting Bedrijfspensioenfonds Textielindustrie*, C-67/96, EU:C:1999:430.

[19] Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punti 31 u 42.

[20] Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 32.

[21] Is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 33; is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, *Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio vs Compañía Española de Petróleos SA*, C-217/05, EU:C:2006:784, il-punti 43 u 44.

ta' dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom msemmija fit-Taqsimiet 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dawn il-Linji Gwida, jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tal-ħaddiema u li għalhekk il-ftehimiet kollettivi nnegozjati u konklużi minnhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE[22].

### 3.1. Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika

(23) Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jipprovdu s-servizzi tagħhom esklużivament jew b'mod predominanti lil kontroparti waħda x'aktarx li jkunu f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika fil-konfront ta' dik il-kontroparti. B'mod ġenerali, tali persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom ma jiddeterminawx l-imġiba tagħhom b'mod indipendenti fis-suq u huma fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq il-kontroparti tagħhom, jifformaw parti integrali min-negozju tagħhom u għalhekk jifformaw unità ekonomika ma' dik il-kontroparti. Barra minn hekk, hemm iktar probabbilità li tali persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jirċievu struzzjonijiet dwar kif għandha titwettaq il-ħidma tagħhom. Il-kwistjoni ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika ġiet rikonoxxuta minn għadd ta' liġijiet nazzjonali li jagħtu lil tali persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom id-dritt li jinnegozjaw kollettivament, sakemm jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-miżuri nazzjonali rispettivi[23].

(24) Il-Kummissjoni tqis li persuna li taħdem għal rasha waħedha hija f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika fejn dik il-persuna taqla' medja ta' mill-anqas 50% tad-dħul totali tagħha relatat max-xogħol minn kontroparti waħda, fuq perjodu ta' sena jew sentejn[24].

(25) Għalhekk, il-ftehimiet kollettivi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol konklużi bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jinsabu f'sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika u l-kontroparti tagħhom li fuqha huma ekonomikament dipendenti jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE.

***Eżempju 3***

*Sitwazzjoni:* Il-Kumpanija X hija kumpanija ta' periti li tikkuntratta numru kbir ta' periti (li jaħdmu għal rashom) għat-tlestija tal-proġetti tagħha. Il-periti jaqilgħu 90% tad-dħul tagħhom mill-Kumpanija X, kif jidher mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħhom. Il-periti jinnegozjaw u jikkonkludu b'mod kollettiv ftehim mal-Kumpanija X li jipprevedi

[22] Il-kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom imsemmija fit-Taqsimiet 3 u 4 ta' jistgħu jikkoinċidu f'xi partijiet. Xi persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jistgħu għalhekk jidħlu f'aktar minn waħda minn dawk il-kategoriji.

[23] Pereżempju fil-Ġermanja taħt it-Taqsima 12a tal-Att dwar il-Ftehimiet Kollettivi fil-verżjoni ppubblikata fil-25 ta' Awwissu 1969 (Gazzetta tal-Liġi Federali I, p. 1323), emendata l-aħħar bl-Artikolu 8 tal-Att tal-20 ta' Mejju 2020 (Gazzetta tal-Liġi Federali I, p. 1055); jew fi Spanja bl-Artikolu 11 tal-Liġi 20/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatus tal-impjieg indipendenti, Gazzetta Uffiċjali tal-Istat Nru 166 tat-12 ta' Lulju 2007, il-paġni 29964 sa 29978, ġie invokat kriterju ta' dipendenza ekonomika.

[24] Dan japplika wkoll fejn il-persuna li taħdem għal rasha waħedha tipprovdi s-servizzi tagħha lil kontroparti għal anqas minn sena.

massimu ta' 45 siegħa xogħol fil-ġimgħa, liv annwali ta' 26 ġurnata kalendarja u rati ta' remunerazzjoni speċifikati imsejsa fuq il-livell ta' esperjenza ta' kull perit.

*Analiżi:* Periti li jaħdmu għal rashom waħedhom, l-istess bħal kuntratturi indipendenti oħrajn, ġeneralment jitqiesu bħala impriżi għall-finijiet tal-Artikolu 101 tat-TFUE u għalhekk dik id-dispożizzjoni tapplika għal ftehimiet bejniethom. Madankollu, il-ftehim konkluż bejn il-periti li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-Kumpanija X jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, peress li huwa ftehim kollettiv relatat mal-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn il-Kumpanija X u individwi li jistgħu jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-ħaddiema (f'termini tad-dipendenza ekonomika tagħhom). F'dan l-eżempju, il-periti huma ekonomikament dipendenti fuq il-kontroparti tagħhom (il-Kumpanija X), peress li jaqilgħu 90 % tad-dħul tagħhom minn dik il-kumpanija. Għalhekk jistgħu jitqiesu li jifformaw parti integrali mill-Kumpanija X.

## 3.2. Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jaħdmu "maġenb" il-ħaddiema

(26) Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jwettqu l-istess kompiti jew kompiti simili "maġenb" il-ħaddiema għall-istess kontroparti, huma f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-ħaddiema. Dawk il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jipprovdu s-servizzi tagħhom skont id-direzzjoni tal-kontroparti tagħhom u ma jieħdux ir-riskji kummerċjali tal-attività tal-kontroparti jew ma jgawdux minn indipendenza suffiċjenti fir-rigward tal-prestazzjoni tal-attività ekonomika kkonċernata. Huwa f'idejn l-awtoritajiet/qrati nazzjonali kompetenti li jiddeċiedu jekk ir-relazzjoni kuntrattwali tal-persuni li jaħdmu għal rashom li jaħdmu flimkien mal-ħaddiema għandhiex tiġi riklassifikata bħala relazzjoni ta' impjieg. Madankollu, il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom xorta għandhom ikunu jistgħu jidħlu fi ftehimiet kollettivi bil-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom f'każijiet fejn ma jkunux ġew riklassifikati bħala ħaddiema. Dan ġie rikonoxxut permezz tal-prattika f'diversi Stati Membri fejn il-ftehimiet kollettivi (jew ċerti dispożizzjonijiet ta' dawk il-ftehimiet) ikopru l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom attivi fl-istess settur[25].

(27) Għalhekk, ftehimiet kollettivi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn kontroparti u persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jwettqu l-istess kompiti jew kompiti simili "maġenb" ħaddiema għall-istess kontroparti jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE. L-istess japplika għal ftehimiet kollettivi li f'konformità mal-liġi u/jew il-prattiki nazzjonali tal-Istati Membri jkopru kemm il-ħaddiema kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom.

[25] Ara pereżempju l-Artikolu 14 tal-Ftehim Kollettiv tax-Xogħol għad-Drama u ż-Żfin fin-Netherlands, konkluż bejn il-Kunstenbond (l-Unjoni tal-Artisti) u n-Nederlandse Associatie voor Podiumkunsten (l-Assoċjazzjoni Netherlandiża għall-Arti tal-Palk) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023, disponibbli fuq https://napk.nl/wp-content/uploads/2022/03/Cao-TD-2022-2023-V1_ENG_v.2.pdf u ara l-Artikolu 2 tal-Ftehim Kollettiv għall-ġurnalisti professjonali, konkluż minn Gospodarska zbornica Slovenije (il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija tas-Slovenja), Svet RTV Slovenija (il-Kunsill tal-RTV ta' Slovenja) u Združenje radijskih postaj Slovenije ter (l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Istazzjonijiet tar-Radju) u s-Sindikat novinarjev Slovenije (it-Trade Union tal-Ġurnalisti Sloveni), disponibbli fuq http://www.pisrs.si/Pis.web/pregledPredpisa?id=KOLP49.

***Eżempju 4***

*Sitwazzjoni:* Il-Kumpanija X torganizza kunċerti orkestrali u avvenimenti mużikali klassiċi oħrajn. Għadd ta' mużiċisti jaħdmu ma' Kumpanija X bħala ħaddiema jew bħala persuni li jaħdmu għal rashom, fuq il-bażi ta' kuntratti annwali. Dawk il-mużiċisti, indipendentement mill-istatus tagħhom, jingħataw struzzjonijiet mid-direttur kulturali tal-Kumpanija X dwar ix-xogħlijiet li jridu jwettqu, il-ħin u l-post tal-provi u l-avvenimenti li fihom iridu jipparteċipaw. Il-Kumpanija X hija membru tal-Assoċjazzjoni tal-Organizzaturi tal-Avvenimenti Mużikali u l-mużiċisti (ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom) li jaħdmu għall-Kumpanija X huma membri tal-Assoċjazzjoni tal-Mużiċisti. Ġie konkluż ftehim kollettiv bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, fejn ġew irrappreżentati l-interessi tal-membri rispettivi tagħhom. Il-ftehim kollettiv jistabbilixxi massimu ta' 45 siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa għall-mużiċisti kollha u jagħtihom liv speċjali ta' jum wieħed wara li jdoqqu fi tliet kunċerti fl-istess ġimgħa.

*Analiżi:* Il-mużiċisti li jaħdmu għal rashom waħedhom, l-istess bħal kuntratturi indipendenti oħrajn, ġeneralment jitqiesu bħala impriżi għall-iskopijiet tal-Artikolu 101 tat-TFUE u għalhekk dik id-dispożizzjoni tapplika għal ftehimiet bejniethom. Madankollu, il-mużiċisti msemmija f'dan l-eżempju, li jaħdmu għal rashom waħedhom, jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli ta' dik tal-ħaddiema tal-Kumpanija X f'termini ta' subordinazzjoni u s-similarità tal-kompiti li jwettqu. Huma jwettqu l-istess kompiti bħal dawk li jwettqu l-mużiċisti impjegati (jiġifieri jagħtu prestazzjoni ta' mużika fl-avvenimenti), huma soġġetti għall-istess struzzjonijiet mill-Kumpanija X rigward il-kontenut, il-post u l-ħin tal-prestazzjonijiet, u tul ta' żmien tal-impjieg tagħhom huwa simili għal dak tal-mużiċisti impjegati. Għaldaqstant, il-ftehim kollettiv li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-mużiċisti li jaħdmu għal rashom "maġenb" dawk impjegati ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE.

### 3.3. Persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali

(28) Il-ħolqien ta' ekonomija tal-pjattaformi online u l-provvista tax-xogħol permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali ħolqu realtà ġdida għal ċerti persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-ħaddiema fil-konfront tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali li permezz tagħhom, jew li lilhom, jipprovdu x-xogħol tagħhom. Il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jistgħu jkunu dipendenti minn pjattaformi diġitali, speċjalment biex jilħqu lill-klijenti, u ta' spiss jistgħu jiffaċċjaw offerti ta' xogħol fejn ftit li xejn ikun hemm lok biex jinnegozjaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, inkluża r-rimunerazzjoni tagħhom. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali normalment ikunu jistgħu jimponu unilateralment it-termini u l-kundizzjonijiet tar-relazzjoni, mingħajr ma tingħata informazzjoni jew issir konsultazzjoni minn qabel mal-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom.

(29) Il-każistika reċenti u l-iżviluppi leġiżlattivi fil-livell nazzjonali jipprovdu indikazzjonijiet ulterjuri tal-komparabbiltà bejn tali persuni li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema. Fil-kuntest ta' każijiet li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-istatus ta' impjieg, l-awtoritajiet/il-qrati nazzjonali qegħdin jirrikonoxxu dejjem aktar id-dipendenza tal-fornituri ta' servizzi minn ċerti tipi ta' pjattaformi, jew saħansitra

l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg[26]. Bl-istess mod, xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni[27] li tistabbilixxi preżunzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg jew id-dritt tal-fornituri tas-servizzi li jaħdmu għal pjattaformi diġitali jew permezz tagħhom, li jidħlu f'negozjati kollettivi.

(30) It-terminu "pjattaforma tax-xogħol diġitali" huwa definit fil-punt 2(d). Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali huma differenti minn pjattaformi online oħrajn fis-sens li jorganizzaw xogħol imwettaq minn individwi fuq talba, ta' darba jew ripetuta, tar-riċevitur ta' servizz ipprovdut mill-pjattaforma. L-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq minn individwi għandha timplika mill-anqas li l-pjattaforma jkollha rwol importanti biex tqabbel id-domanda għas-servizz mal-provvista ta' xogħol minn individwu li jkollu relazzjoni kuntrattwali mal-pjattaforma tax-xogħol diġitali u li jkun disponibbli biex iwettaq kompitu speċifiku, u tista' tinkludi attivitajiet oħrajn bħall-ipproċessar tal-pagamenti. Il-pjattaformi online li ma jorganizzawx ix-xogħol tal-individwi iżda sempliċiment jipprovdu l-mezzi li bihom il-fornituri tas-servizzi jistgħu jilħqu lill-utent aħħari, pereżempju billi jirreklamaw offerti jew talbiet għal servizzi jew billi jiġbru u juru l-fornituri tas-servizzi disponibbli f'qasam speċifiku, mingħajr ebda involviment ulterjuri, ma għandhomx jitqiesu bħala pjattaforma tax-xogħol diġitali. Pereżempju, pjattaforma li sempliċiment tiġbor u turi d-dettalji tal-plumbers disponibbli f'żona speċifika, biex b'hekk tippermetti li l-klijenti jikkuntattjaw il-plumbers biex jużaw is-servizzi tagħhom fuq talba, ma titqiesx bħala pjattaforma tax-xogħol diġitali, peress li ma torganizzax ix-xogħol tal-plumbers. Id-definizzjoni ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali għandha tkun limitata għall-fornituri ta' servizz li fir-rigward tagħhom l-organizzazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-individwu, bħat-trasport ta' persuni jew oġġetti jew bħat-tindif, tikkostitwixxi komponent meħtieġ u essenzjali u mhux biss komponent minuri u purament anċillari.

(31) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-ftehimiet kollettivi bejn il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE.

---

[26] Għal ħarsa dettaljata lejn il-każistika f'disa' Stati Membri, l-Iżvizzera u r-Renju Unit ara Hießl, C., *Case Law on the Classification of Platform Workers: Cross-European Comparative Analysis and Tentative Conclusions*, Comparative Labour Law & Policy Journal, 2.5.2021, https://papers.ssrn.com/sol3/papers.cfm?abstract_id=3839603.

[27] Ara pereżempju Spanja, id-Digriet-Liġi Irjali 9/2021, tal-11 ta' Mejju 2021, li jemenda t-test riformulat tal-Istatut tal-Ħaddiema, approvat bid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 2/2015, tat-23 ta' Ottubru 2015, sabiex jiggarantixxi d-drittijiet tax-xogħol ta' persuni involuti fid-distribuzzjoni fil-qasam tal-pjattaformi diġitali, il-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat Nru 113 tat-12 ta' Mejju 2021, paġni 56733 sa 56738; jew il-Greċja il-Liġi 4808/2021 għall-Protezzjoni tax-Xogħol – l-Istabbiliment ta' Awtorità Indipendenti "tal-Ispezzjoni tax-Xogħol" – ir-Ratifika tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol sabiex jiġu eliminati l-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol – ir-Ratifika tal-Konvenzjoni Nru 187 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għall-Qafas Promozzjonali għas-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali fuq il-Post tax-Xogħol – l-Implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u dispożizzjonijiet oħrajn tal-Ministeru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali u arranġamenti urġenti oħrajn, il-Gazzetta Uffiċjali A' 101/19-6-2021.

***Eżempju 5***

*Sitwazzjoni:* Grupp ta' sewwieqa li jaħdmu għal pjattaformi ta' ride-hailing jidħol f'negozjati mal-assoċjazzjoni reġjonali ta' pjattaformi ta' ride-hailing bil-għan li jiġi konkluż ftehim kollettiv sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa. Qabel ma jidħlu f'negozjati mas-sewwieqa, il-pjattaformi ta' ride-hailing (membri tal-assoċjazzjoni) jikkoordinaw l-istrateġija ta' negozjar tagħhom. Filwaqt li jiddiskutu l-istrateġija tagħhom għan-negozjar mas-sewwieqa, il-pjattaformi ta' ride-hailing jiddiskutu wkoll il-possibbiltà li jintlaħaq ftehim dwar prezz minimu għal kull rikba. Fl-aħħar mill-aħħar, in-negozjati bejn l-assoċjazzjoni tal-pjattaformi u s-sewwieqa jfallu u ma jiġi konkluż l-ebda ftehim kollettiv. Sussegwentement, l-assoċjazzjoni tal-pjattaformi ta' ride-hailing tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi prezz minimu ta' EUR 10 għal kull rikba għall-konsumaturi.

*Analiżi:* Permezz tal-assoċjazzjoni tagħhom, il-pjattaformi ta' ride-hailing jipprovaw jinnegozjaw ftehim kollettiv mas-sewwieqa, bil-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa. In-negozjati bejn is-sewwieqa li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-assoċjazzjoni tal-pjattaformi jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, irrispettivament minn jekk ftehim jiġix konkluż jew le. L-istess japplika għall-koordinazzjoni bejn il-pjattaformi qabel in-negozjati mas-sewwieqa, sakemm dik il-koordinazzjoni tkun meħtieġa u proporzjonata għan-negozjar ta' ftehim kollettiv kopert minn dawn il-Linji Gwida.

Madankollu, id-diskussjonijiet bejn il-pjattaformi dwar il-prezz minimu għal kull rikba li għandu jintalab lill-konsumaturi ma jirrigwardawx il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Peress li l-pjattaformi ta' ride-hailing jikkompetu ma' xulxin, dik il-koordinazzjoni dwar l-ipprezzar bejn il-kompetituri x'aktarx li tikser l-Artikolu 101 tat-TFUE minħabba l-għan tagħha.

Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni adottata mill-assoċjazzjoni tal-pjattaformi tar-ride-hailing li tistabbilixxi prezz minimu għal kull rikba taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida minħabba li ma hijiex ir-riżultat ta' negozjati kollettivi bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom. Minflok, hija r-riżultat ta' ftehim bejn il-membri tal-assoċjazzjoni, jiġifieri l-pjattaformi (li huma l-kontropartijiet).

Min-naħa l-oħra, li kieku s-sewwieqa li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-assoċjazzjoni tal-pjattaformi qablu b'mod kollettiv dwar tariffa minima jew fissa (remunerazzjoni) ta' EUR 10 għal kull sewwieq (irrispettivament minn kif dik l-ispiża tingħadda lill-konsumaturi), dak il-ftehim kien jitqies bħala relatat mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u b'hekk kien jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE.

## 4. PRIJORITAJIET TA' INFURZAR TAL-KUMMISSJONI

(32) F'xi każijiet, persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li ma humiex f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-ħaddiema jistgħu madankollu jsibu diffikultajiet sabiex jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom minħabba li jkunu f'pożizzjoni dgħajfa ta' negozjar fil-konfront tal-kontroparti(jiet) tagħhom. Għalhekk, anke jekk wieħed ma jistax jassumi li l-ftehimiet kollettivi tagħhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, dawk il-persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jistgħu fil-fatt jiffaċċjaw diffikultajiet li huma simili għal dawk li jiffaċċjaw persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u li jidħlu fil-kategoriji msemmija fit-Taqsimiet 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dawn il-Linji Gwida. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra l-kategoriji ta' ftehimiet kollettivi li ġejjin:

### 4.1. Ftehimiet kollettivi konklużi minn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom ma' kontroparti(jiet) li għandhom ċertu livell ta' saħħa ekonomika

(33) Is-setgħa ta' negozjar ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li jkollhom x'jaqsmu ma' kontroparti(jiet) li għandhom ċertu livell ta' saħħa ekonomika, u għalhekk poter ta' akkwist, tista' tkun insuffiċjenti biex tinfluwenza il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. F'dak il-każ, il-ftehimiet kollettivi jistgħu jkunu mezz leġittimu sabiex jiġi kkoreġut l-iżbilanċ fis-saħħa tan-negozjar bejn iż-żewġ naħat.

(34) Għaldaqstant, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra ftehimiet kollettivi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom f'każijiet fejn ikun hemm żbilanċ fis-saħħa tan-negozjar[28]. Dak l-iżbilanċ huwa preżunt f' kull wieħed miż-żewġ każijiet li ġejjin:

(a) fejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jinnegozjaw jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi ma' kontroparti waħda jew aktar li jirrappreżentaw settur kollu jew industrija kollha;

(b) fejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jinnegozjaw jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi ma' kontroparti li l-fatturat annwali globali tagħha u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha jkun iktar minn EUR 2 miljun jew li l-għadd tal-persunal tagħha jkun 10 persuni jew aktar, jew ma' diversi kontropartijiet li flimkien jaqbżu wieħed minn dawk il-limiti[29].

(35) Jista' jkun hemm żbilanċ fis-saħħa tan-negozjar wkoll f'każijiet oħrajn, skont iċ-ċirkostanzi sottostanti individwali.

---

28 Dawn il-Linji Gwida ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jistabbilixxu prijorità ta' infurzar (pożittiva) tal-Kummissjoni fir-rigward ta' negozjati kollettivi u ftehimiet bejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom f'każijiet fejn tali żbilanċ fis-saħħa tan-negozjar ma jeżistix.

29 Ikkalkulat f'konformità mat-Titolu 1 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

*Eżempju 6*

*Sitwazzjoni:* Il-Kumpaniji X, Y u Z jipprovdu servizzi ta' manutenzjoni u tiswija tal-karozzi. Il-fatturat totali tal-Kumpanija X huwa ta' EUR 700 000, dak tal-Kumpanija Y huwa ta' EUR 1 miljun u dak tal-Kumpanija Z huwa ta' EUR 500 000. It-tekniċi li jaħdmu għal rashom waħedhom, li jaħdmu għal dawn il-kumpaniji bħala fornituri indipendenti tas-servizzi mhumiex sodisfatti bir-remunerazzjoni baxxa tagħhom u bil-kundizzjonijiet ħżiena ta' sikurezza, u jiddeċiedu li jinnegozjaw b'mod konġunt mal-Kumpaniji X, Y u Z sabiex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. It-tliet kumpaniji jirrifjutaw li jinnegozjaw, waqt li jsostnu li kwalunkwe ftehim kollettiv mat-tekniċi li jaħdmu għal rashom waħedhom jikser l-Artikolu 101 tat-TFUE.

*Analiżi:* Kemm it-tekniċi li jaħdmu għal rashom waħedhom kif ukoll it-tliet kumpaniji tas-servizzi awtomobilistiċi huma impriżi għall-iskopijiet tal-Artikolu 101 tat-TFUE. Il-preżunzjoni ta' żbilanċ fis-setgħa tan-negozjar ma tapplikax kieku l-Kumpaniji X, Y jew Z kellhom jinnegozjaw b'mod indipendenti, peress li l-ebda waħda minnhom ma tissodisfa l-limitu ta' fatturat ta' EUR 2 miljun speċifikat fil-punt (34) ta' dawn il-Linji Gwida. Madankollu, il-preżunzjoni tapplika jekk it-tliet kumpaniji jinnegozjaw kollettivament, peress li l-fatturat komplessiv tat-tliet kumpaniji jaqbeż il-limitu ta' fatturat ta' EUR 2 miljun. F'dak il-każ, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra negozjati kollettivi u ftehimiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn it-tekniċi li jaħdmu għal rashom waħedhom u t-tliet kumpaniji tas-servizzi awtomobilistiċi.

## 4.2. Ftehimiet kollettivi konklużi minn persuni li jaħdmu għal rashom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni

(36) F'xi każijiet, il-leġiżlatur nazzjonali, fl-insegwiment tal-objettivi soċjali, aġixxa sabiex jindirizza żbilanċ fis-saħħa tan-negozjar li jiffaċċjaw ċerti kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, (a) billi ta lil dawk il-persuni d-dritt għan-negozjar kollettiv jew (b) billi eskluda mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni, ftehimiet kollettivi konklużi minn persuni li jaħdmu għal rashom f'ċerti professjonijiet. Fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali ssegwi objettivi soċjali, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra ftehimiet kollettivi relatati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol li jinvolvu kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li għalihom tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali.

*Eżempju 7*

*Sitwazzjoni:* Il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni tal-Istat Membru A teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-ftehimiet konklużi minn ċerti persuni li jaħdmu għal rashom fis-settur kulturali.

*Analiżi:* L-Istat Membru A stabbilixxa eżenzjoni settorjali mil-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni skont l-objettivi soċjali. Dan ifisser li ftehimiet kollettivi konklużi bejn l-individwi koperti mill-eżenzjoni u l-impriżi li lilhom jipprovdu s-servizzi tagħhom ma jitqisux bħala antikompetittivi skont il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni. Għalhekk,

il-Kummissjoni mhux se tintervjeni fejn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom li huma koperti mill-miżura nazzjonali jidħlu fi ftehimiet kollettivi.

***Eżempju 8***

*Sitwazzjoni:* Il-liġi tax-xogħol ta' Stat Membru B tistabbilixxi d-dritt tat-tradutturi awdjoviżivi li jaħdmu għal rashom li jinnegozjaw kollettivament mal-kumpaniji li lilhom jipprovdu s-servizzi tagħhom.

*Analiżi:* Il-leġiżlatur nazzjonali tal-Istat Membru B ta speċifikament lil ċerti persuni li jaħdmu għal rashom, jiġifieri t-tradutturi awdjoviżivi li jaħdmu għal rashom, id-dritt ta' negozjar kollettiv. Dik il-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'objettiv soċjali, għandha l-għan li tikkoreġi l-iżbilanċ fis-saħħa ta' negozjar bejn dawk il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-kumpaniji li lilhom jipprovdu s-servizzi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra ftehimiet kollettivi li jidħlu fihom it-tradutturi awdjoviżivi li jaħdmu għal rashom waħedhom, li huma koperti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(37) Bl-istess mod, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tista' tirrikonoxxi d-dritt li ċerti persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jiddependu fuq ftehimiet kollettivi biex jikkoreġu żbilanċ fis-saħħa tan-negozjar mal-kontroparti(jiet) tagħhom.

(38) Dan huwa l-każ tad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (magħrufa bħala d-'Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur')[30], li stabbiliet il-prinċipju li l-awturi u l-artisti[31] għandhom ikunu intitolati li jirċievu remunerazzjoni xierqa u proporzjonata meta jagħtu liċenzja jew jittrasferixxu d-drittijiet esklużivi tagħhom għall-isfruttament tax-xogħlijiet tagħhom u ta' kwalunkwe suġġett ieħor protett mid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati[32]. L-awturi u l-artisti għandhom it-tendenza li jkunu f'pożizzjoni kuntrattwali aktar dgħajfa mill-kontroparti(jiet) tagħhom[33] u d-Direttiva (UE) 2019/790 tipprovdi l-possibbiltà li jsaħħu l-pożizzjoni kuntrattwali tagħhom sabiex jiżguraw remunerazzjoni ġusta fil-kuntratti għall-isfruttament tax-xogħlijiet tagħhom[34]. Id-Direttiva (UE) 2019/790 tagħti flessibbiltà lill-Istati

30 Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE, (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

31 L-awturi u l-artisti kollha huma koperti mill-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2019/790, bl-eċċezzjoni tal-awturi ta' programmi tal-kompjuter fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16). L-Artikolu 23(2) tad-Direttiva (UE) 2019/790.

32 Il-premessa (72) u l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva (UE) 2019/790. Ara wkoll il-premessa (73) tal-istess Direttiva, li skontha r-remunerazzjoni tal-awturi u l-artisti għandha tkun "xierqa u proporzjonata mal-valur ekonomiku attwali jew potenzjali tad-drittijiet liċenzjati jew trasferiti, filwaqt li jitqies il-kontribut tal-awtur jew tal-artist għax-xogħol globali jew materjal ieħor u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ, bħall-prattiki tas-suq jew l-isfruttament effettiv tax-xogħol".

33 Il-premessa (72) tad-Direttiva (UE) 2019/790.

34 In-negozjar kollettiv jista' jintuża wkoll fil-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(5), fl-Artikolu 20(1) u fl-Artikolu 22(5) tad-Direttiva (UE) 2019/790.

Membri fl-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju bl-użu ta' mekkaniżmi differenti (inkluż in-negozjar kollettiv), sakemm jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni[35].

(39) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/790 imsemmija fil-punt (38) ta' dawn il-Linji Gwida, u mingħajr preġudizzju għad- dispożizzjonijiet l-oħra ta' dik d-Direttiva, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra ftehimiet kollettivi konklużi bejn awturi jew artisti li jaħdmu għal rashom waħedhom u l-kontroparti(jiet) tagħhom skont miżuri nazzjonali li ġew adottati skont dik id-Direttiva.

(40) Il-punt (39) ta' dawn il-Linji Gwida ma japplikax għal negozjati kollettivi konklużi fil-kuntest ta' attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv jew tal-entitajiet ta' mmaniġġjar indipendenti[36], peress li dawk l-attivitajiet jibqgħu soġġetti għad-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37], li tapplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni[38].

***Eżempju 9***

*Sitwazzjoni:* Il-Kumpanija Y tippubblika gazzetti u rivisti. Diversi ġurnalisti, li jaħdmu bħala freelancers, jikkontribwixxu artikli għall-pubblikazzjonijiet tal-Kumpanija. Il-Kumpanijatħallas lill-ġurnalisti, fuq il-bażi tal-artikli ppubblikati f'kull gazzetta jew rivista. Il-ġurnalisti ma humiex sodisfatti bil-livell ta' remunerazzjoni li jirċievu mill-Kumpanija Y u għalhekk jinnegozjaw u jaqblu kollettivament magħha dwar żieda ta' 20% fir-royalties (remunerazzjoni) imħallsa minnha.

*Analiżi:* F'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhux se tintervjeni kontra l-ftehim kollettiv konkluż mill-ġurnalisti li jaħdmu għal rashom waħedhom (freelance) u l-Kumpanija Y, peress li l-ftehim huwa konkluż skont id-Direttiva (UE) 2019/790.

---

35 Il-premessa (73) u l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/790. B'mod partikolari, il-premessa (73) tipprevedi li "l-Istati Membri jkunu liberi li jimplimentaw il-prinċipju ta' remunerazzjoni xierqa u proporzjonata permezz tal-mekkaniżmi differenti eżistenti jew li għadhom kif ġew introdotti, li jistgħu jinkludu negozjar kollettiv u mekkaniżmi oħra, dment li tali mekkaniżmi jkunu konformi mal-liġi applikabbli tal-Unjoni".

36 "Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv" ifisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija awtorizzata mil-liġi jew permezz ta' assenjament, liċenzja jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor biex timmaniġġja d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur f'isem aktar minn detentur tad-drittijiet wieħed, għall-benefiċċju kollettiv ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet, fejn dak ikun l-għan uniku jew l-għan prinċipali tagħha, u li tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin jew it-tnejn li huma: (a) tkun proprjeta' tal-membri tagħha, jew ikkontrollata minnhom; (b) tkun organizzata fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ.
"Entità ta' mmaniġġjar indipendenti" jfisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija awtorizzata mil-liġi jew permezz ta' assenjazzjoni, liċenzja jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor biex timmaniġġja d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur f'isem aktar minn detentur tad-drittijiet wieħed, għall-benefiċċju kollettiv ta' dawk id-detenturi tad-drittijiet, fejn dak ikun l-għan uniku jew l-għan prinċipali tagħha u li: (a) la tkun proprjetà tad-detenturi tad-drittijiet u lanqas tkun ikkontrollata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, minnhom; u (b) tkun organizzata bi skop ta' qligħ; L-Artikolu 3, il-punti (a) u (b) tad-Direttiva 2014/26/UE ara n-nota f'qiegħ il-paġna (37)).

37 Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu online fis-suq intern (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 72).

38 Il-premessa (56) tad-Direttiva 2014/26/UE.